MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1920/2005

**Anthony Grech (I.D. 654047(M)) ezercenti l-kummerc f'isem**
**id-ditta Firm A. Grech Pollacco**

**Vs**

**Refco Company Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-1 ta' Dicembru 2005, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lill-attur is-somma ta' seba' mija u hamsin Liri Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm750.64), ghar-ragunijiet imsemmija fl-Avviz imsemmi, bl-imghax legali u bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attur sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta` konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta tal-14 ta' Frar 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tal-attur tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur s-somma ta' seba' mija u hamsin Liri Maltin u erbgha u sittin centezmu (Lm750.64), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez li ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------